



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.5.2019
COM(2019) 236 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rieżaminazzjoni tal-progress f'rabta mal-implimentazzjonji tal-istrateġija għall-
infrastruttura ekoloġika tal-UE.**

{SWD(2019) 184 final}

1. Kuntest u introduzzjoni

L-istrateġija tal-UE għall-infrastruttura ekoloġika tiddefinixxi infrastruttura ekoloġika bħala “network ippjanat b’mod strateġiku ta’ żoni naturali u seminaturali b’karatteristiċi ambjentali oħrajn ippjanat u mmaniġġjat biex jipprovdi firxa wiesgħa ta’ servizzi tal-ekosistema. Jinkorpora spazji ekoloġiċi (inkella marittimi fir-rigward ta’ ekosistemi akkwatiċi) u karatteristiċi fiżiċi oħrajn f’żoni fuq l-art (inklużi mal-kosta) u f’żoni marini. Fuq l-art, l-GI teżisti f’żoni rurali u f’żoni urbani”

Għall-kuntrarju ta’ infrastrutturi griżi bi skop uniku, spazji ekoloġiċi rikki fil-bijodiversità jistgħu jaqdu varjetà ta’ funzjonijiet estremament utli, ħafna drabi simultanjament u b’kost baxx ħafna, għall-benefiċċju tan-nies, tan-natura u tal-ekonomija.

FI-UE, l-infrastruttura ekoloġika (IE) tinkludi n-network Natura 2000 bħala s-sinsla tagħha, kif ukoll spazji naturali u seminaturali barra Natura 2000, bħal parks, ġonna privati, sisien tal-ħaxix, biċċiet ta’ art ta’ lqugħ imħawla bil-veġetazzjoni tul ix-xmajjar jew pajsaġġi agrikoli b’għadd ta’ strutturi b’ċerti karatteristiċi u Prattiki, kif ukoll karatteristiċi artifiċjali bħal soqfa ħodor, ħitan ħodor, jew ekopontijiet u sliem tal-ħut. Il-benefiċċji annwali tas-servizzi tal-ekosistema pprovduti min-network Natura 2000 waħdu ġew stmati li jlaħħqu t-EUR 300 biljun madwar l-UE kollha¹, filwaqt li l-benefiċċji tal-IE jmorru ferm lil hinn.

Il-Mira 2 tal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020 tgħid li “sal-2020, l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom għandhom jinżammu u jitjiebu billi tiġi stabbilita infrastruttura ekoloġika u billi jiġu restawrati mill-inqas 15 % tal-ekosistemi degradati”. Il-kisba bis-sħiħ ta’ din il-mira 2 u r-restawr ta’ Natura 2000 għal stat favorevoli jistgħu jkomplu jiġġeneraw sa 50 000 u 140 000 impjeg rispettivament; u sa EUR 4,2 u EUR 11,1 biljun f’riżultati diretti fis-sena; kif ukoll firxa usa’ ta’ benefiċċji mis-servizzi tal-ekosistema².

FI-2013 il-Kummissjoni adottat strateġija tal-UE dwar l-infrastruttura ekoloġika (l-istrateġija dwar l-IE)³ sabiex dawn il-benefiċċji ekonomiċi jissaħħu billi jiġi attirat investiment akbar fil-kapital naturali tal-Ewropa biex jintlaħqu l-oġettivi tagħha dwar il-bijodiversità sal-2020. Din kienet tinkludi erba’ flussi ta’ ħidma prijoritarji: il-promozzjoni tal-IE fl-oqsma ewlenin ta’ politika; it-titjib tal-informazzjoni, it-tisħiħ tal-bażi tal-għarfien u l-promozzjoni tal-innovazzjoni; it-titjib fl-aċċess għall-finanzi; u l-kontribut għall-iżvilupp ta’ proġetti ta’ IE fil-livell tal-UE.

L-istrateġija pprevediet li **sal-aħħar tal-2017, il-Kummissjoni se tirrevedi l-progress dwar l-iżvilupp tal-IE u se tippubblika rapport fuq dak li nkunu tgħallimna mill-esperjenza flimkien mar-rakkomandazzjonijiet għal azzjoni fil-ġejjieni**. Il-Pjan ta’ Azzjoni għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija⁴ jistabbilixxi li din ir-reviżjoni ser tkompli tgħin fit-

¹ The Economic benefits of the Natura 2000 Network (Il-Benefiċċji ekonomiċi tan-Netzwerk Natura 2000); 2013, ISBN 978-92-79-27588-3

² Eftec, ECNC, UAntwerp & CEEWEB (2017) Promotion of ecosystem restoration in the context of the EU biodiversity strategy to 2020 (Il-promozzjoni tar-restawr tal-ekosistemi fil-kuntest tal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020)

³ COM(2013) 249 final

⁴ COM(2017) 198 final

tfassil ta' pjanijiet direzzjonali dwar investiment strateġiku fl-infrastruttura ekoloġika fl-UE. Ser jikkontribwixxi wkoll għall-valutazzjoni finali tal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020.

Ir-reviżjoni tindirizza l-progress li sar u l-isfidi ffaċċjati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak tal-Istati Membri⁵ fit-tweqqif tal-erba' flussi ta' ħidma prijoritarji tal-Istrateġija; tislet tagħlimiet u tressaq xi suġġerimenti għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-istrateġija.

2. Valutazzjoni tal-progress u tal-isfidi

2.1 Il-promozzjoni tal-infrastruttura ekoloġika fl-oqsma ewlenin ta' politika: progress u sfidi

L-istrateġija dwar l-IE saħqet dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-IE ssir norma tal-ġestjoni tat-territorju u tal-iżvilupp territorjali u li tiġi integrata b'mod sħiħ fl-implimentazzjoni tal-politiki li l-oġettivi tagħhom jistgħu jintlaħqu kompletament jew parzjalment permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura. Stabbiliet li l-politiki reġjonali jew ta' koeżjoni, dwar it-tibdil fil-klima u dawk ambjentali, dwar l-immaniġġjar tar-riskju ta' diżastri, il-politiki dwar is-saħħa u l-konsumaturi u l-Politika Agrikola Komuni ser ikunu l-oqsma ta' politika ewlenin li permezz tagħhom tiġi promossa l-Infrastruttura Ekoloġika. Is-siti u l-funzjonijiet tan-netwerk Natura 2000 huma s-sinsla tal-IE tal-UE. Il-kontroll tal-idoneità tad-Direttivi dwar in-Natura kkonkludew li, għalkemm id-Direttivi huma strumenti ewlenin għall-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020, ma setgħux jilhq u waħedhom l-għan tal-UE li jitwaqqaf it-telfien tal-bijodiversità sal-2020. Il-Pjan ta' Azzjoni għan-Natura, għaċ-Ċittadini u għall-Ekonomija jipprevedi miżuri addizzjonali bħat-twaqqif ta' gwida biex tappoġġa t-tnedija ta' proġetti ta' IE fil-livell tal-UE sabiex ikun hemm konnettività aħjar bejn iż-żoni Natura 2000 biex tgħin biex jintlaħqu l-oġettivi tad-Direttivi dwar in-Natura, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu miri oħra tal-UE dwar il-bijodiversità.

It-tnedija tal-IE tista' tinkiseb permezz ta' kemm il-konservazzjoni ta' ekosistemi eżistenti rikki fil-bijodiversità f'kundizzjoni tajba kif ukoll ir-restawr ta' ekosistemi degradati, kemm ġewwa u barra min-netwerk Natura 2000. Skont id-Direttiva dwar il-Habitats u dik dwar l-Għasafar, fejn l-ispeċi u l-habitats ikunu għadhom ma kisbux stat ta' konservazzjoni favorevoli l-Istati Membri huma meħtieġa jifformulaw oġettivi u miżuri ta' restawr għas-siti Natura 2000. Għodda ewlenija għat-twaqqif ta' prijoritajiet għall-konservazzjoni u għar-restawr fil-livell reġjonali jew nazzjonali hija l-Oqfsa ta' Azzjoni Prijoritizzata żviluppata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar il-Habitats. Il-format il-ġdid għal dawn l-Oqfsa ta' Azzjoni Prijoritizzata⁶ jinkludi l-possibbiltà li tiġi inkluża informazzjoni dwar miżuri ta' infrastruttura ekoloġika usa' relatati.

L-Azzjoni 6a tal-Istrateġija għall-Bijodiversità talbet lill-Istati Membri sabiex sal-2014, bl-għajnuna tal-Kummissjoni, jiżviluppaw qafas strateġiku għat-twaqqif ta' prijoritajiet għar-restawr tal-ekosistema f'livell subnazzjonali, nazzjonali u dak tal-UE. Fl-2014, il-

⁵ Ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament, u l-iskedi informattivi tat-28 pajjiż ibbażati fuq informazzjoni li nġabret fl-2017

⁶ <http://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/financing/docs/PAF%20format%20EN.docx>

Kummissjoni ppubblikat studju biex jgħin lill-Istati Membri jipprijoritizzaw ir-restawr ta' ekosistemi degradati⁷. Għalkemm flivell nazzjonali u dak subnazzjonali⁸ f'it hemm oqfsa ta' prijoritizzazzjoni tar-restawr (RPFs) fis-seħħ, qed issir xi attività ta' restawr⁹ - ħafna drabi bi tweġiba għal leġislazzjoni rilevanti oħra tal-UE, bħad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD) u d-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima (MSFD). Hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jitlestew l-RPFs nazzjonali biex tiġi implimentata l-Azzjoni 6b, flimkien mal-Oqfsa ta' Azzjoni Prijoritizzata (PAFs) skont id-Direttivi dwar in-Natura, b'mod li jkunu konsistenti mal-approċċ metodoloġiku tal-inizjattiva tal-UE dwar l-immappjar u l-valutazzjoni tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom (MAES¹⁰), kif ukoll ma' attivitajiet ta' restawr meħtieġa skont il-leġislazzjoni tal-UE.

Diversi Stati Membri waqqfu netwerks ekoloġiċi nazzjonali jew strumenti ekwivalenti. F'ħafna Stati Membri, l-oġġettivi jew ir-rekwiżiti speċifikament relatati mal-IE huma inklużi f'politiki u f'leġislazzjoni usa' dwar il-bijodiversità u l-konservazzjoni tan-natura. Pereżempju, diversi strateġiji u pjanijiet nazzjonali dwar il-bijodiversità jinkludu referenzi għall-IE (kemm jekk indikati b'ħala tali jew bl-użu ta' terminoloġija oħra li tirrifletti l-istess kunċett). L-IE hija indirizzata wkoll b'mod impliċitu fi strumenti relatati ma' ekosistemi partikolari, bħall-Istrateġija Nazzjonali tal-Irlanda dwar it-Torbiera. Madankollu, bl-eċċezzjoni tal-“kunċett ta' IE nazzjonali¹¹” tal-Ġermanja, l-Istati Membri għadhom ma adottawx strateġiji nazzjonali speċifikament iddedikati għall-IE. Madankollu, qed jiġu żviluppata xi strateġiji nazzjonali (eż. fi Spanja), u politiki u strumenti leġislattivi oħra jindirizzaw – tal-anqas b'mod impliċitu - il-kunċett ta' IE kif definit mill-istrateġija tal-UE dwar l-IE.

Fir-rigward tal-**politika tal-UE dwar l-ilma**, miżuri naturali ta' ritenzjoni tal-ilma (NWRM) jistgħu jgħinu biex jitnaqqas il-fluss tal-ilma tax-xita, tiżdied il-filtrazzjoni u jitnaqqas it-niġġis permezz ta' proċessi naturali. Tali miżuri ġew identifikati b'ħala approċċi kosteffettivi biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-WFD u tad-Direttiva dwar l-Għargħar¹² filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għall-ħarsien tal-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Ġiet żviluppata gwida dwar in-NWRM¹³ u ġiet imħeġġa l-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' fondi strutturali u agrikoli tal-UE fl-elaborazzjoni tal-programmi operattivi u agrikoli tal-Istati Membri¹⁴. Valutazzjoni ex post¹⁵ tal-programmi operattivi ssuġġeriet li minkejja li sar xi progress, għad hemm aktar xi jsir biex jiġu promossi programmi strateġiċi u integrati; u li l-ippjanar ta' IE u ta' NWRM fuq skala akbar jista' jkun ta' benefiċċju għall-kwalità tal-ilma,

⁷ <http://ec.europa.eu/environment/nature/biodiversity/comm2006/pdf/2020/RPF.pdf>

⁸ Il-Ġermanja, in-Netherlands u r-reġjun tal-Fjandri (BE).

⁹ Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna

¹⁰ (Mapping and Assessing Ecosystems and their Services) L-Immappjar u l-Valutazzjoni tal-Ekosistemi u tas-Servizzi tagħhom:

http://ec.europa.eu/environment/nature/knowledge/ecosystem_assessment/index_en.htm

¹¹ <http://www.bfn.de/bkgi.html>

¹² <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52012DC0673>

¹³ Il-Kummissjoni Ewropea (2014). EU Water Policy Document on Natural Water Retention Measures (Dokument ta' Politika dwar l-Ilma tal-UE dwar Miżuri Naturali għar-Ritenzjoni tal-Ilma). Programm ta' Miżuri tal-Grupp ta' Ħidma tas-CIS dwar id-WFD. https://circabc.europa.eu/sd/a/2457165b-3f12-4935-819a-c40324d22ad3/Policy%20Document%20on%20Natural%20Water%20Retention%20Measures_Final.pdf

¹⁴ https://ec.europa.eu/agriculture/rural-development-2014-2020_mt

¹⁵ [Evaluation of the contribution of Operational Programmes to the implementation of EU water policy](#)

joffri protezzjoni kontra l-għargħar u jwassal sabiex jintlaħqu l-objettivi marbuta mal-bijodiversità. L-opportunitajiet ta' ppjanar jistgħu jkunu bbażati fuq l-għarfien miksub mill-ħidma ta' MAES, fuq Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċini tax-Xmajjar u fuq il-PAFs sabiex jiġu identifikati spazji multifunzjonali li joffru l-akbar opportunità għall-provvista ta' servizzi tal-ekosistema.

Il-politika tal-UE dwar l-affarijiet marittimi u s-sajd¹⁶ tirreferi għall-IE bħala għodda li tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni kostali. L-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-ippjanar spazjali marittimu¹⁷ jkopri l-objettivi prinċipali tal-IE, u jgħid li “l-Istati Membri għandhom jimmiraw biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tas-setturi tal-enerġija fil-baħar, tat-trasport marittimu, u tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, u tal-preżervazzjoni, il-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, inkluż ir-reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima”. Madanakollu l-IE ma tintużax biżżejjed fil-qasam tal-ippjanar spazjali marittimu, fejn tista' tikkontribwixxi għal ekosistemi marittimi b'saħħithom u twassal għal benefiċċji sostanzjali f'termini ta' produzzjoni tal-ikel, fil-qasam tar-rikreazzjoni u tat-turiżmu, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-kontroll dinamiku tax-xtut u l-prevenzjoni tad-diżastri.

Għalkemm il-kunċett ta' IE ma kienx inkorporat fl-MSFD, l-objettivi tagħha huma allinjati mal-kunċett ta' IE peress li d-Direttiva hija mfassla sabiex tinżamm il-bijodiversità u twassal għal oċeani u ibħra nodfa, b'saħħithom u produttivi. Qed isiru xi tentattivi biex jitwaqqfu netwerks tal-IE marittimi permezz tat-twaqqif ta' netwerks koerenti ta' żoni protetti tal-baħar skont l-Artikolu 13.4. Il-miżuri meħuda taħt id-Direttiva ser ikomplu jindirizzaw il-pressjonijiet biex jitjieb l-istat tal-ambjent tal-baħar permezz ta' perspettiva transfruntiera/reġjonali bl-għajnuna ta' kriterji u standards metodoloġiċi li għadhom kif ġew stabbiliti¹⁸. It-tnedija tal-IE tista' tgħin sabiex jintlaħaq dan l-għan.

L-istrategġija tal-UE dwar l-adattament għat-**tibdil fil-klima** tirrikonoxxi s-soluzzjonijiet ibbażati fuq l-ekosistema u l-IE bħala approċċi rilevanti sabiex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima¹⁹. L-Azzjoni 7 tal-istrategġija tagħmel referenza speċifika għall-IE fir-rigward tar-reżiljenza tal-infrastruttura griża. Fil-livell internazzjonali, il-benefiċċji relatati mal-klima ta' approċċi bbażati fuq l-ekosistema ġew enfasizzati f'diversi deċiżjonijiet taħt il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika²⁰ u fil-Ftehim ta' Pariġi²¹. Madankollu, fid-dawl tal-frekwenza akbar ta' diżastri naturali kkawżati minn tibdil fil-klima bħall-avvenimenti estremi relatati mat-temp fl-2017, inklużi nirien fil-foresti, maltempati u għargħar, jeżistu opportunitajiet għal aktar sinerġiji. Hemm ħafna attar x'jista' jsir biex jiġu enfasizzati l-benefiċċji multipli tal-IE għall-mitigazzjoni u għall-adattament għat-tibdil fil-klima, direttament permezz ta' pereżempju sekwestru tal-karbonju, u indirettament permezz ta' tnaqqis fid-domandi għall-enerġija u t-tniġġis permezz ta' trasport attiv relatat mal-IE (bħaċ-ċikliżmu u l-mixi), il-mitigazzjoni tal-effetti gżira ta' sħana u t-tnaqqis fil-bżonn ta' tkessiħ u ta' tişhin tal-bini permezz ta' soqfa ħodor u ta' ħitan ħodor.

¹⁷ Direttiva 2014/89/UE ĠU UE 28.8.2014; L 257/135

¹⁸ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2017/848

¹⁹ COM(2013)216

²⁰ <https://www.cbd.int/ecosystem/>; <https://www.cbd.int/climate/>

²¹ <https://unfccc.int/process/the-paris-agreement/the-paris-agreement>

Ir-reviżjoni tal-Istrateġija ta' Adattament tal-UE²² pprovdiet opportunità biex jitqies kif tista' tkompli tiġi mħeġġa l-applikazzjoni tal-IE bħala mezz kosteffettiv kif is-soċjetajiet isiru reżiljenti għall-klima. Dan tagħmlu wkoll ir-reviżjoni tal-politiki tal-UE dwar l-ilma (id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi -UWWTD, WFD, FD)²³. Barra minn hekk jistgħu jiġu esplorati aktar sinerġiji mal-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Energija²⁴, jew mal-ICLEI - Gvernijiet Lokali għas-Sostenibbiltà²⁵.

Ir-rabtiet b'saħħithom bejn il-**ġestjoni tar-riskju ta' diżastri** u l-ambjent huma rikonoxxuti sew u amplifikati bl-impatt tat-tibdil fil-klima. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Qafas Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030²⁶ jirrikonoxxi b'mod espliċitu l-kontribut pożittiv li l-IE jista' jkollha fuq it-tnaqqis u fuq il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri. L-IE tista' tiġi promossa permezz ta' mekkaniżmi biex tissaħħaħ il-ġestjoni tad-diżastri tal-UE²⁷. Madankollu, din għad trid tiġi tradotta f'azzjonijiet speċifiċi fil-prattika. L-esperjenza turi li **approċċi bbażati fuq l-ekosistema** bħall-IE, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, adattament ibbażat fuq l-ekosistema, miżuri naturali għar-ritenzjoni tal-ilma u miżuri għat-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri bbażati fuq l-ekosistema huma għodod ta' politika kosteffiċjenti²⁸; iżda mhumiex qegħdin jiġu sfruttati bis-siħ u l-potenzjal tagħhom għandu jissaħħaħ aktar fil-livell tal-UE.

Għalkemm il-kunċett ta' IE mhuwiex inkluż per se fil-Politika Agrikola Komuni (PAK), iż-żewġ pilastri tal-PAK attwali jipprovdu sett ta' strumenti biex tiġi indirizzata l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni klimatika, li jistgħu jikkontribwixxu għall-IE skont id-disinn u l-implimentazzjoni tagħhom. Taħt is-sistema ta' kundizzjonalità, il-Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (KAAT) relatati ma' biċċiet art ta' lqugħ u l-karatteristiċi ta' pajsaġġ jinvolvu IE²⁹ iżda l-benefiċċji tagħhom ivarjaw bejn Stat membru u ieħor. Taħt l-ewwel pilastru tal-PAK, Prattiki obligatorji ta' 'ekoloġizzazzjoni' li ġew introdotti fl-2015 għandhom il-potenzjal li jkunu ta' benefiċċju kemm għall-ambjent kif ukoll għall-klima; madankollu l-Qorti Ewropea tal-Awdituri reċentement ikkonkludiet³⁰ li bil-mod kif inhuma attwalment implimentati, mhuwiex probabbli li ser ikunu ta' benefiċċji sinifikanti għall-ambjent u għall-klima, b'mod partikolari għall-bijodiversità. Fir-rigward tat-tieni pilastru, l-Istati Membri u r-reġjuni jistgħu jagħżlu minn fost menù wiesa' ta' miżuri marbuta mal-iżvilupp rurali biex jgħinuhom fil-kisba tal-oġettivi agroambjentali-klimatiċi, u l-bdiewa jistgħu jirċievu pagament għalihom abbażi taż-żona; li jista' jkun ikkumplimentat minn appoġġ immirat għal investimenti mhux produttivi. Barra minn hekk jista' jingħata appoġġ speċifiku għall-konverżjoni jew għaż-żamma tal-biedja organika, u għall-implimentazzjoni diretta tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar il-Ħabitats u dwar l-Għasafar u l-WFD³¹. Il-

²² COM(2018)738

²³ http://ec.europa.eu/environment/water/index_en.htm

²⁴ http://www.conventiondesmaires.eu/index_en.html

²⁵ <http://iclei-europe.org/about-iclei/>

²⁶ http://ec.europa.eu/echo/sites/echo-site/files/1_en_document_travail_service_part1_v2.pdf

²⁷ COM(2017) 773 final

²⁸ <https://www.eea.europa.eu/publications/climate-change-adaptation-and-disaster>

²⁹ KAAT 1 u 7, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni

³⁰ <http://publications.europa.eu/webpub/eca/special-reports/greening-21-2017/mt/>

³¹ [Key descriptive statistics on the consideration of water issues in the Rural Development Programmes 2014-2020](#)

Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) jista' jintuża wkoll biex jappoġġa miżuri relatati mal-forestrija li potenzjalment jinvolvu l-iżvilupp jew il-manutenzjoni ta' IE.

Din il-kontribuzzjoni tista' tissaħħaħ billi jingħata inċentiv għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' karatteristiċi ta' pajsaġġ f'żoni kkultivati u l-protezzjoni aħjar ta' bwar permanenti. Valutazzjoni ex-post tal-kontribuzzjoni tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali għall-implimentazzjoni tad-WFD u tal-FD tinkludi valutazzjoni tal-użu ta' Miżuri Naturali ta' Ritenzjoni tal-Ilma u kif dawn jistgħu jitjiebu fil-ġejjieni. Il-Komunikazzjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja³² tirrakkomanda strumenti innovattivi li għandhom il-potenzjal li jsaħħu l-IE eżistenti.

Saru sforzi biex l-IE tiġi integrata fil-politika reġjonali tal-UE: ir-regolamenti għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u għall-Fond ta' Koeżjoni għall-2014-2020 jipprovdu³³ li l-iżvilupp sostenibbli - inklużi r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u tal-bijodiversità - jiġi promoss orizzontalment. Fil-gwida tagħha³⁴ lill-Istati Membri, il-Kummissjoni indikat l-IE u l-adattament ibbażat fuq l-ekosistema bħala alternattivi kosteffikaċi jew bħala miżuri komplimentari għall-infrastruttura griża u t-tibdil fl-użu intensiv tal-art.

L-istrateġiji makroreġjonali tal-UE³⁵ huma pjattaformi utli għat-tfassil u għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' IE li jġibu flimkien pajjiżi (tal-UE u dawk terzi), reġjuni u partijiet interessati. L-IE tista' ssir is-sinpla strutturali u funzjonali għall-iżvilupp sostenibbli ta' dawk ir-reġjuni. Fil-kuntest tal-istrateġija makroreġjonali tal-UE għar-Reġjun Alpin, eżempju tajjeb huwa dikjarazzjoni ministerjali konġunta dwar l-IE tal-Alpi li ġiet adottata f'Ottubru 2017.

L-IE ġiet promossa ukoll fil-**politika urbana tal-UE**. Taħt l-Aġenda Urbana għall-UE³⁶ dwar l-Użu sostenibbli tal-art u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, fl-2017 tnediet sħubija, u hija prevista wkoll sejħa għall-proposti taħt l-Azzjonijiet Innovattivi Urbani³⁷, li jipprovdu finanzjament lill-bliet biex jittestjaw soluzzjonijiet innovattivi dwar temi magħżula ta' żvilupp urban sostenibbli. L-IE ġiet inkluża fil-kriterji tal-għoti tal-premju tal-Belt Kapitali Ekoloġika Ewropea u tal-premju Ewropew Green Leaf³⁸. L-għarfien dwar l-IE urbana qed jitjeb ukoll bl-appoġġ tal-proġett tal-MAES 'EnRoute'³⁹, u ta' proġetti taħt Orizzont 2020 dwar soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura implimentati f'żoni urbani⁴⁰. Barra minn hekk diversi inizjattivi mnedija minn bliet Ewropej jimmiraw l-IE fil-livell ta' belt kif ukoll lokali.

³² COM(2017) 713 final

³³ L-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013

³⁴ http://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/legislation/guidance/

³⁵ L-Adrijatiku-Jonju, l-Alpin, il-Baħar Baltiku u d-Danubju

³⁶ <http://www.urbanagendaforthe.eu>

³⁷ <http://www.uia-initiative.eu>

³⁸ <http://ec.europa.eu/environment/europeangreencapital/>

³⁹ www.oppla.eu/EnRoute u <http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC110402>

⁴⁰ Pereżempju Nature4Cities, GrowGreen, NAIAD, NATURVATION, UNALAB, Connecting u UrbanGreenUp

Fil-**politika tal-UE dwar is-saħħa**, minkejja diversi studji⁴¹ li juru r-rabta pożittiva bejn l-IE u s-saħħa tal-bniedem, l-IE ma tintużax ħafna minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u mill-partijiet interessati bħala soluzzjoni kosteffikaċi għal kwistjonijiet ta' saħħa. Hemm bżonn li prattiki tajbin jibdeu isiru fuq skala akbar, bħall-inizjattivi tal-Finlandja biex tippromwovi approċċ olistiku lejn l-IE u s-saħħa tal-bniedem.

Minħabba d-diversi benefiċċji bbażati fuq l-ekosistema li tipprovdi l-IE, tista' tikkontribwixxi biex il-pubbliku jaċċetta iktar **infrastrutturi tal-enerġija** ġodda. Metodi ta' titjib tal-ħabitats bħall-konverżjoni ta' żoni taħt linji tal-elettriku f'ħabitats b'veġetazzjoni mkabbra fil-baxx kienu popolari fost il-komunitajiet lokali u s-sidien tal-art u wrew tnaqqis fil-kostijiet ta' manutenzjoni tal-veġetazzjoni għall-promoturi tal-proġetti⁴². L-Inizjattiva tal-Grilji Rinnovabbli tippremja proġetti bi prattiki innovattivi li jispikkaw fil-qasam tal-protezzjoni tan-natura u tal-bijodiversità, bħal dawk li saru minn Elia u Terna⁴³. Prattiki simili jistgħu jibdeu isiru fuq skala ikbar fl-UE u potenzjalment jiġu iċċentivizzati mir-regolaturi bħala l-aħjar prattiki biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha ta' Proġetti ta' Interess Komuni tul il-kurituri prijoritarji tat-TEN-E, prekondizzjoni għal suq intern tal-enerġija tal-UE integrat, sigur, kompetittiv u sostenibbli u biex jintlaħqu l-oġettivi politiċi tal-UE dwar l-enerġija u l-klima.

Fir-rigward tal-**politika tal-UE dwar it-trasport**, xi eżempji juru prattiki tajbin iżda għadhom iżolati wisq, u hemm bżonn ta' aktar sforzi biex titjeb il-bijodiversità permezz tal-użu tal-IE flimkien man-netwerks TEN-T⁴⁴ għall-benefiċċju tan-natura u tal-ekonomija, filwaqt li fl-istess ħin tiżdied l-aċċettazzjoni soċjetali ta' infrastrutturi ġodda tat-trasport. Dan jista' jinkludi ż-żamma ta' żoni rikki fil-bijodiversità tul il-kurituri tat-TEN-T jew il-bini ta' strutturi speċifiċi biex jipprovdu passaġġ sigur għall-fawna selvaġġa. Għalhekk huwa importanti li jissaħħu s-sinerġiji bejn it-TENs u t-tneidja tal-IE fil-livell tal-UE, inkluż billi jiġi esplorat il-potenzjal tal-ekoloġizzazzjoni tal-proġetti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa⁴⁵.

2.2. It-titjib tal-informazzjoni, it-tisħiħ tal-bażi tal-għarfien u l-promozzjoni tal-innovazzjoni

L-istrateġija dwar l-IE talbet lill-Kummissjoni biex ittejjeb u tkompli xxerred l-informazzjoni relatata mal-IE. Ġie pprovdut aċċess usa' għal informazzjoni ddedikata dwar l-IE fuq is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Bijodiversità għall-Ewropa⁴⁶, inkluż librerija dwar l-IE⁴⁷. Is-sinerġiji jiġu żviluppanti ma' pjattaformi ta' informazzjoni rilevanti oħra. Ġew ippublikati dokumenti ta' gwida dwar l-integrazzjoni tal-IE f'oqsma ta' politika speċifiċi (eż. politiki

⁴¹ eż. Study report on the Health and social benefits of nature (Rapport ta' studju dwar il-Benefiċċji għas-saħħa u soċjali tan-natura) <http://ec.europa.eu/environment/nature/biodiversity/intro/>

⁴² Il-Proġett BESTGRID, <https://www.bestgrid.eu>

⁴³ Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni

⁴⁴ <https://ec.europa.eu/inea/en/ten-t>

⁴⁵ <https://ec.europa.eu/inea/connecting-europe-facility/cef-transport>

⁴⁶ <http://biodiversity.europa.eu/>

⁴⁷ <http://biodiversity.europa.eu/topics/green-infrastructure>

reġjonali u ta' koeżjoni⁴⁸, l-immaniġġjar tal-ilma u tal-ġharghar⁴⁹, Valutazzjonijiet tal-Impatt Ambjentali⁵⁰ u Valutazzjonijiet Ambjentali Strateġiċi⁵¹).

It-tisħiħ tal-bażi ta' għarfien għall-IE huwa parti minn azzjoni usa' li ttiprovdi l-bażi ta' għarfien għall-Mira 2 tal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020. L-inizjattiva tal-UE dwar l-immappjar u l-valutazzjoni tal-ekosistemi u tas-servizzi taġġhom (MAES) li tnediet fl-2013 ttiprovdi gwida metodoloġika għall-UE u għall-Istati Membri taġġha biex jimmappjaw u jivvalutaw l-istat tal-ekosistemi u tas-servizzi taġġhom. Ir-raba' rapport tal-MAES⁵² li ġie ppubblikat fl-2016 kien iddedikat għall-IE urbana.

Il-Kummissjoni ppubblikat rapport fuq "l-ippjanar strateġiku dwar l-IE u r-restawr tal-ekosistemi; metodi ġeospazjali, data u għodod"⁵³ bħala rispons tal-istrateġija tal-IE b'rabta ma' sejħa għal eżami mill-ġdid "tal-kwantità u l-kwalità ta' data teknika u spazjali disponibbli għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet b'rabta mal-iskjerament tal-IE".

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) qed jiżviluppaw ħidma ta' sostenn għall-IE u għar-restawr, u ppubblikaw rapporti dwar l-użabilità tad-data eżistenti u metodoloġiji ġodda għat-tnedija ta' IE⁵⁴.

Fir-rigward tal-politika tal-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-proġetti rilevanti għall-IE ġew iffinanzjati mis-Seba' Programm Qafas (FP7), u mill-2014 permezz ta' Orizzont 2020. Proġetti ta' riċerka, ta' innovazzjoni u ta' dimostrazzjoni dwar it-tnedija u l-valutazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura joħolqu opportunitajiet ta' investiment. Dan ġie kkumplimentat minn integrazzjoni tal-politika, it-twaqqif ta' indikaturi, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, il-promozzjoni u l-komunikazzjoni man-negozji u mas-soċjetà; hekk kif l-evidenza dwar il-benefiċċji multipli bħala riżultat ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura twassal għal żieda u l-ipprijoritizzar ta' IE. L-aċċess għall-finanzjament huwa ffaċilitat permezz tal-pjattaforma ffinanzjata mir-riċerka għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni Oppla⁵⁵ u mill-pjattaforma ta' netwerking ThinkNature⁵⁶.

L-istrateġija dwar l-IE talbet ukoll lill-Kummissjoni biex □ "tivvaluta l-kontribut tal-istandards tekniċi, b'mod partikolari fir-rigward ta' moduli u proċeduri fiżiċi, għall-iżvilupp ta' suq għall-prodotti favur l-IE". L-implimentazzjoni possibbli ta' standards relatati mal-IE hija inkluża fil-programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni⁵⁷, u l-

⁴⁸ http://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/publications/guides/2013/guide-to-multi-benefit-cohesion-policy-investments-in-nature-and-green-infrastructure

⁴⁹ <https://www.eea.europa.eu/publications/green-infrastructure-and-flood-management>

⁵⁰ <http://ec.europa.eu/environment/eia/eia-support.htm>

⁵¹ <http://ec.europa.eu/environment/eia/sea-support.htm>

⁵² <http://biodiversity.europa.eu/maes> u <http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC101639>

⁵³ Estreguil, C., Dige, G., Kleeschulte, S., Carrao, H., Raynal, J. u Teller, A., Strategic Green Infrastructure and Ecosystem Restoration: geospatial methods, data and tools, EUR 29449 EN, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2019, ISBN 978-92-79-97295-9, doi:10.2760/36800, JRC113815.

⁵⁴ Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni.

⁵⁵ <http://oppla.eu/>

⁵⁶ <https://www.think-nature.eu/>

⁵⁷ COM(2017) 453 final

Kummissjoni wettqet studju dwar din il-kwistjoni⁵⁸. Fix-xhur li ġejjin il-ħidma ser tkompli, bl-involviment tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati u tal-istandardizzazzjoni rilevanti, biex jiġi vvalutat jekk u għal liema elementi relatati mal-IE ser ikun hemm bżonn ta' standards ġodda.

2.3. Titjib fl-aċċess għall-finanzi

Studju reċenti⁵⁹ stima li l-livell ta' finanzjament mill-UE għall-IE fil-perjodu ta' programmazzjoni ta' bejn l-2007-2013 kien ilaħħaq madwar EUR 6 579 miljun fil-perjodu ta' bejn l-2007-2013, bl-ogħla kontribuzzjoni mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Il-programm LIFE jipprovdi finanzjament speċifiku għall-bijodiversità, inkluż għall-infrastruttura ekoloġika⁶⁰.

Għall-perjodu ta' bejn l-2014-2020, l-infrastruttura ekoloġika qed tingħata appoġġ ulterjuri bħala parti mill-allokkazzjonijiet diretti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond ta' Koeżjoni għall-bijodiversità, in-natura u l-infrastruttura ekoloġika b'alokazzjoni ta' EUR 3 700 miljun f'investimenti. kif ukoll permezz ta' investimenti f'diversi oqsma relatati bħal dawk fil-qasam tal-protezzjoni mill-għargħar, il-purifikazzjoni tal-ilma jew ir-rinnovazzjoni tal-bini.

L-istrateġija dwar l-IE talbet lill-Kummissjoni biex tesplora l-opportunitajiet għat-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' finanzjament innovattiv bħala appoġġ għall-IE u għat-twaqqif ta' faċilità ta' finanzjament tal-UE biex tappoġġa lill-persuni li jkunu qegħdin ifittxu li jiżviluppaw proġetti ta' IE. Proġetti ta' IE huma eliġibbli għal finanzjament taħt il-Faċilità ta' Finanzjament tal-Kapital Naturali (NCFF)⁶¹, strument finanzjarju li jappoġġa proġetti favur il-bijodiversità u l-adattament għall-klima u li jiġġeneraw dħul jew juru ffrankar tal-ispejjeż. L-ewwel kuntratt ta' self ġie ffirmat f'April 2017⁶², u huwa mistenni li jwassal għal benefiċċji kbar għall-IE u għan-natura. Fl-2018 ġew iffirmati tliet operazzjonijiet oħra, inkluż self għall-Belt ta' Ateni għal IE Urban, u qed jitħejjew diversi proġetti rilevanti oħra.

Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi⁶³ (FEIS) u l-oġġettivi tar-regolament il-ġdid dwar l-EFSI II (li jgħaqqad l-EFSI ma' proġetti aktar sostenibbli u transfruntiera, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri tal-klima ta' COP21 jew it-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ċirkolari u bi (kważi) zero emissjonijiet ta' karbonju) jistgħu jikkontribwixxu wkoll, għalkemm indirettament, biex jappoġġaw proġetti ta' IE.

Bejn l-2014-15 il-kofinanzjament mill-UE minn sejħiet taħt Orizzont 2020 għal proġetti li jimplementaw l-IE permezz ta' soluzzjonijiet bbażati fuq in-natura, u għal proġetti ta' restawr laħħaq it-EUR it-860 miljun u EUR 68 miljun għas-sejħiet fl-2016, b'EUR 73 miljun

⁵⁸ http://ec.europa.eu/environment/nature/ecosystems/docs/green_infrastructures/GI%20Final%20Report.pdf

⁵⁹ http://ec.europa.eu/environment/nature/ecosystems/docs/green_infrastructures/GI%20Final%20Report.pdf

⁶⁰ <http://ec.europa.eu/environment/life/index.htm>

⁶¹ <http://www.eib.org/products/blending/ncff/index.htm>

⁶² <http://www.eib.org/products/blending/ncff/project-examples/index.htm>

⁶³ <http://www.eib.org/efsi/>

addizzjonali fl-2017. Bejn l-2015-2016 il-kofinanzjament mill-BiodivERsA⁶⁴ ERA-net ikkontribwixxa EUR 33 miljun addizzjonali lill-aġenziji nazzjonali għal proġetti relatati mal-IE. Strumenti oħra ta' finanzjament bħal fondi strutturali jistgħu mbagħad jużaw ir-riżultati tar-riċerka u tal-innovazzjoni rilevanti fil-qasam tal-IE u jżidu ambizzjoni f'termini ta' skala ta' interventi u l-koerenza bejniethom, iżda s'issa dan għadu mhux qiegħed isir.

Din ir-reviżjoni wriet li l-opportunitajiet integrati fid-diversi strumenti ta' finanzjament tal-UE ma ġewx użati bis-sħiħ u li l-aċċess għall-finanzjament għad irid jittjieb. Xi partijiet interessati li ġew ikkonsultati fil-qafas tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Bijodiversità u n-Natura nnotaw li huma jqisu n-nuqqas ta' strument ta' finanzjament iddedikat bħala ostaklu. Hemm il-ħtieġa li jittjieb l-għarfien dwar l-opportunitajiet eżistenti⁶⁵, u li tingħata informazzjoni dwar kif jiġu kkombinati sorsi differenti għal proġetti tal-IE aktar strateġiċi u integrati.

L-investiment fl-IE jwassal għal dħul sostanzjali għas-settur privat. L-iżviluppaturi jistgħu jużaw l-IE biex jiżdied il-valur tal-art jew biex jiproteġu lill-assi mill-impatt tat-tibdil fil-klima meta wieħed iqis is-servizzi ta' ħżin tal-karbonju, ta' kontroll kontra l-erożjoni u tal-għargħar ta' ħafna ekosistemi. Hemm bżonn ta' gwida sabiex jiġi kkwantifikat id-dħul ekonomiku fuq l-investiment fl-IE biex jitħeġġeġ l-użu ta' dawn l-opportunitajiet. L-Azzjoni 1b⁶⁶ tal-pjan ta' azzjoni għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija ser tindirizza din il-ħtieġa billi tippovdi gwida mill-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

2.4. Il-kontribut għall-iżvilupp ta' proġetti tal-IE fil-livell tal-UE

L-istrateġija tal-UE dwar l-IE enfasizzat li l-appoġġ għal proġetti tal-IE fil-livell Ewropew huwa objettiv importanti biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn proġetti tal-IE jitwettqu biss bħala inizzjattivi indipendenti u ma jilhqx il-potenzjal sħiħ tagħhom. Ħeġġet lill-Istati Membri u lir-reġjuni sabiex jaħtfu l-opportunitajiet għall-iżvilupp ta' IE f'kuntest transfruntier/transnazzjonali.

Fl-Istati Membri, ftit biss kienu l-inizzjattivi transnazzjonali li ġew żviluppati b'suċċess, bħall-Green Belt Ewropea⁶⁷ jew il-Kuritur Ekoloġiku tad-Danubju t'Isfel⁶⁸. F'dan tal-aħħar, ġie stmat li kull ettaru ta' pjanura mfawra restawrata pprovdiet EUR 500 fis-sena f'servizzi tal-ekosistema, li għen fid-diversifikazzjoni tal-għajxien lokali.

Dwar l-appoġġ għal proġetti ta' IE madwar l-UE kollha, l-istrumenti eżistenti huma primarjament orjentati lejn proġetti implimentati fit-territorju ta' Stat Membru uniku (bl-eċċezzjoni ta' INTERREG); u għandhom rekwiżiti proċedurali u perjodu ta' żmien tagħhom stess, li ma jiffaċilitax it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera ta' IE.

⁶⁴ <http://www.biodiversa.org/>

⁶⁵ Ara l-Guide on Multi-benefit cohesion policy investments in nature and GI (Gwida dwar investimenti b'ħafna benefiċċji tal-politika ta' koeżjoni fl-ambjent u fl-IE) tal-Kummissjoni.

⁶⁶ http://ec.europa.eu/environment/nature/legislation/fitness_check/action_plan/factsheets_en.pdf

⁶⁷ <http://www.europeangreenbelt.org/>

⁶⁸ <http://climate-adapt.eea.europa.eu/metadata/case-studies/lower-danube-green-corridor-floodplain-restoration-for-flood-protection>

B'mod aktar ġenerali, hemm lok sabiex l-IE tkompli tiġi integrata b'mod sinerġistiku fi strumenti ta' pjanar strateġiku bħal pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara, pjanijiet ta' mmaniġġjar ta' Natura 2000, pjanijiet nazzjonali dwar il-kwalità tal-arja, programmi ta' żvilupp rurali u programmi operattivi ta' politika ta' koeżjoni, kif ukoll f'TENs. Pjanijiet bħal dawn jistgħu jikkontribwixxu għat-twaqqif ta' netwerk ta' IE madwar l-UE kollha.

L-istrateġija dwar l-IE nnotat li l-iżvilupp tal-hekk imsejjaħ TEN-G (netwerk trans-Ewropew għall-IE), "ikollu benefiċċji sinifikanti biex jiżgura r-reżiljenza u l-vitalità ta' wħud mill-aktar ekosistemi ikoniċi, li minnhom ikomplu joħorġu benefiċċji soċjali u ekonomiċi". Stabbiliet li l-Kummissjoni ser twettaq studju biex tivvaluta l-opportunitajiet għall-iżvilupp ta' inizjattiva ta' TEN-G tal-UE, fosthom valutazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' inizjattiva bħal din. Anke l-Parlament Ewropew⁶⁹, il-Kunsill⁷⁰ u l-Kumitat tar-Regġuni⁷¹ esprimew appoġġ għal inizjattiva ta' TEN-G.

Fl-2016 ġiet ippubblikata analiżi tal-kost-benefiċċju⁷², li kkonkludiet li approċċ aktar strateġiku lejn l-IE fil-livell tal-UE għandu l-potenzjal li jipprovdi benefiċċji akbar għal kull euro investit mill-implimentazzjoni tal-politika dwar l-IE u l-allokazzjoni ta' finanzjament attwali (bi proporzjon ta' kostijiet-benefiċċji ta' aktar mid-doppju tal-approċċ attwali).

L-Azzjoni 12 tal-pjan ta' azzjoni għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija tipprovdi li l-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida li tipprovdi qafas strateġiku għall-appoġġ ulterjuri tal-iżvilupp ta' IE fil-livell tal-UE. Dan għandu jgħin biex jiġu identifikati proġetti ta' interess komuni Ewropew biex jingħataw prijorità b'finanzjament xieraq fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali attwali, fuq skala li tittraxxendi limiti amministrattivi.

3. Konklużjonijiet u passi li jmiss

L-istrateġija tal-UE dwar l-IE enfasizzat il-benefiċċji tal-IE u bniet ċertu momentum għat-tnedija tal-IE fl-UE. Sar progress f'livelli differenti iżda l-isfidi għadhom hemm u hemm bżonn li tkompli tiżded aktar it-tnedija tal-IE. L-evidenza turi li fil-livell tal-UE għadu ma ġiex implimentat approċċ strateġiku għall-IE; u għandu jiġi kkunsidrat qafas ta' abilitazzjoni aktar robust għall-IE. Ta' spiss it-tnedija ta' proġetti ta' IE ssir biss fuq skala żgħira, mingħajr ir-rikonossiment dovut għall-benefiċċji ekonomiċi u soċjali potenzjali tal-użu ta' soluzzjonijiet infrastrutturali ekoloġiċi minflok daww griżi.

Fil-livell ta' Stat Membru, hemm bżonn li jsiru aktar sforzi biex jiġu żviluppatti u implimentati strateġiji nazzjonali dwar l-IE kif ukoll oqfsa ta' prijoritizzazzjoni għar-restawr ta' ekosistemi degradati, b'mod konsistenti mal-approċċ tal-MAES. Dan għandu jwassal għal sinerġija u komplementarjetà akbar mal-PAFs taħt id-Direttivi dwar in-Natura, u mal-WFD u l-MSFD.

⁶⁹ Ir-Riżoluzzjoni tat-2 ta' Frar 2016 dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020, § 29

⁷⁰ Il-Konklużjonijiet tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020, § 30

⁷¹ L-Opinjoni tas-26 ta' Ġunju 2014 dwar il-Governanza f'livelli differenti li tippromwovi l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 u li timplimenta l-Miri internazzjonali ta' Aichi § 53

⁷² Ara n-nota 59 f'qiegħ il-paġna

L-integrazzjoni tal-IE f'mekkaniżmi xierqa ta' finanzjament mill-UE pprovdiet opportunitajiet ġodda; madankollu, l-applikazzjoni għadha limitata wisq. Għandhom jiġu intensifikati l-isforzi sabiex tinkiseb integrazzjoni effettiva tal-IE fil-politiki u fil-leġislazzjoni rilevanti tal-UE. Din ser tkun importanti sabiex jiġi żgurat approċċ aktar strateġiku u jsir l-aħjar użu mill-istrumenti ta' finanzjament futuri tal-UE biex jappoġġaw l-infrastruttura ekoloġika. Barra minn hekk, il-koerenza tal-politiki bbażati fuq l-ekosistema għandha titjieb, inkluż permezz ta' interoperabilità aħjar ta' pjattaformi eżistenti relatati.

L-implimentazzjoni tal-Azzjoni 12 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-Natura u l-gwida relatata tagħha dwar l-appoġġ għat-tnedija ta' proġetti ta' IE fil-livell tal-UE huma opportunità biex ikompli jiġi ċċarat il-kunċett ta' IE (fid-dawl tal-kummenti li xi drabi huwa diffiċli li jiġu riflessi d-diversi aspetti koperti mid-definizzjoni tal-UE). Id-dokument ta' gwida jipprovdi wkoll eżempji konkreti dwar kif l-IE hija relatata mar-restawr tal-ekosistemi. Għandu l-għan li jottimizza l-investimenti fin-natura u l-bijodiversità mill-qafas finanzjarju pluriennali attwali kif ukoll li jinforma d-dibattiti tal-futur dwar kif dan għandu jsir fil-perjodu ta' wara l-2020.

Barra minn hekk, il-gwida tal-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet⁷³ tgħin biex jitqiesu aħjar il-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali li ġġib magħha l-IE.

Is-sejbiet inklużi f'dan ir-rapport ser jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tal-istrateġija tal-UE dwar il-bijodiversità sal-2020 u s-segwitu tagħha. Dawn ser jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politiki ewlenin oħra tal-UE f'oqsma bħat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, il-koeżjoni u l-agrikultura u l-forestrija sostenibbli, u f'perspettiva usa' l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

⁷³ http://ec.europa.eu/environment/nature/index_en.htm